# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-JUNIOR LYCEUM 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET SENA' STORJA (Generali) Ħin: Siegħa u Nofs**

**Isem**: ______________________________ **Klassi**: __________________

**SEZZJONI A.**

1. Aqra dan il-paragrafu sewwa u wieġeb id-domandi kollha

"Meta l-Ordni daħlet fil-Belt Valletta, ftit kien il-bini li kien lest, iżda fil-ftit snin ta' wara, xogħlijiet ġodda telgħu kullimkien. L-Ordni bena seba' bereġ, il-Palazz Maġistrali, it-Teżor, il-Knisja konventwali, l-isptar u l-qorti. Madwar nofs tużżana knejjes inbnew fl-ewwel snin u kien hemm numru bla qies ta' proġetti privati. L-arkitett Malti, Ġlormu Cassar, kien responsabbli għall-parti l-kbira tal-bini li tela' f'dak iż-żmien. Sal-1590 kien hemm madwar 4000 ruħ qegħdin jgħixu fil-belt.

Mal-grupp ta' bini oriġinali, l-Ordni żied teatru, librerija, dwana, sede għall-Universita' tal-Belt Valletta u tlett ibliet. Il-funzjonijiet ta' dan il-bini jindikaw ix-xogħol ta' l-istat.

(Adattat minn Brian Blouet, *The Story of Malta*)

1.1 Liema Granmastru ħa ħsieb jagħti bidu għall-bini tal-Belt Valletta?

______________________________ (1)

1.2 Għid għaliex il-belt Valletta tista' tissejjaħ belt fortizza?

______________________________ (2)

1.3 Liema Gran Mastru ħa ħsieb li l-ordni titlaq mill-Birgu u tmur fil-Belt Valletta?

______________________________ (1)

1.4 Liema industrija partikulari gawdiet bil-bini tal-belt Valletta?

______________________________ (1)

1.5 Agħti raġuni waħda għaliex il-belt Valletta tista' tissejjaħ belt Ewropea.

______________________________ (2)

1.6 a) Il-paragrafu jsemmi seba' bereġ. Għid min kien jgħix fihom.

______________________________ (1)

b) Semmi tnejn li għadhom jeżistu.

______________ (1) ______________ (1)

ċ) Semmi tnejn oħra li waqgħu fi żmien il-gwerra.

______________ (1) ______________ (1)

1.7 Semmi żewġ eżempji ta' bini fil-belt, li juru li fi żmien l-Ordni, il-belt kienet ċentru kulturali.

______________ (1) ______________ (1)

1.8 Kif nafu minn dak li qrajt fil-paragrafu li l-Maltin laqgħu tajjeb il-proġett tal-belt Valletta? ______________________________

______________________________ (2)

(16–il marka)

**SEZZJONI B.**

2. Ħares sewwa lejn din il-mappa u wieġeb id-domandi kollha.




2.1 Għid x'jisimhom it-tlett ibliet li hemm f'din il-mappa li huma indikati bin-numri 1, 2 u 3

____________________________ (1) ____________________________ (1)

____________________________ (1)

2.2 Ħares lejn il-belt indikata bin-numru 1, u agħti l-isem tal-fortizza kbira li hemm fit-tarf tagħha. ____________________________ (1)

2.3 Il-belt indikata bin-numru 2 kellha fortizza fid-daħla tagħha. Liema kienet?

____________________________ (2)

2.4 a) Il-belt indikata bin-numru 3 hija mdawra bis-swar.
X'jissejħu dawn is-swar? ____________________________ (2)

b) Għal-liema skop inbnew?

____________________________ (2)

2.5 a) Fuq il-mappa tidher linja ta' swar, li jdawru t-tlett ibliet tal-Kottonera fuq barra. X'jissejħu dawn is-swar? ____________________________ (1)

b) Min kien il-perit tagħhom?
Ġlormu Cassar / Maurizio Valperga / Pietro Floriani (1)

ċ) Liema Gran Mastru ta bidu għall-bini tagħhom?

____________________________ (1)

d) Għaliex taħseb li nbnew dawn is-swar? ____________________________

____________________________ (2)

e) Għaliex taħseb li dawn is-swar għadhom ta' importanza għalina l-Maltin illum? ____________________________ (2)

(17 –il marka)

**SEZZJONI Ċ**

3. <u>Ħares sewwa lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.</u>



3.1 a) Ta' min kienet din il-biċċa tal-baħar li qed tara fl-istampa?

______________________________ (2)

b) Minn xiex qed tagħrafha?

______________________________ (1)

3.2 Agħti żewġ raġunijiet għalxiex kienet tintuża din il-biċċa tal-baħar?

______________________________ (2)

______________________________ (2)

3.3 Semmi erba' kategoriji differenti ta' nies li wieħed kien isib fuqha

________________________ (1) ________________________ (1)

________________________ (1) ________________________ (1)

3.4 X'kien il-mezz li bih kienet timxi? ______________________________ (1)

3.5 Din il-biċċa tal-baħar setgħet ħadet sehem fil-battalja importanti bejn il-qawwiet insara u l-Misilmin li saret fl-1571. Liema kienet din il-battalja?

________________________________________________ (1)

3.6 a) F'każ li din il-biċċa tal-baħar kien ikollha xi ħsara, fejn kienet tidħol għat-tiswija? ________________________________________ (1)

b) Fejn kien jinsab dan l-istabbiliment? __________________________ (1)

(15–il marka)

---

**SEZZJONI D.**

4. <u>Ħares sewwa lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.</u>



4.1 Taħt liema ħakma kienu l-Maltin fil-bidu ta' Settembru 1798? ____________________ (2)

4.2 Fejn huwa l-post indikat mill-istampa?

______________________________ (1)

4.3 a) Liema ġrajja importanti fl-istorja ta' Malta li seħħet fil-bidu ta' Settembru 1798, qed tintwera fl-istampa?

______________________________

______________________________ (2)

4.3 b) Semmi żewġ raġunijiet għaliex din il-ġrajja seħħet.

_______________________________________________ (2)

_______________________________________________ (2)

4.4 Wara l-4 ta' Settembru 1798, f'idejn min kienu;

a) l-ibliet ta' madwar il-port il-kbir? ______________________ (2)

b) l-Imdina u l-kampanja ta' madwar? ______________________ (2)

4.5 a) Il-perijodu Settembru 1798 – Settembru 1800 għandu isem partikulari fl-istorja ta' Malta. X'inhu dan l-isem? ______________________ (1)

b) Liema qawwa navali bagħtet il-vapuri tagħha f'Malta biex tgħin lill-Maltin f'dak il-perijodu? ______________________ (1)

ċ) X'kariga importanti kellu Manuel Vitale f'dan il-perijodu?

_______________________________________________ (2)

(17–il marka)

---

**SEZZJONI E**

5.1 a) Liema Gran Mastru pprova jagħti nifs ġdid lill-Imdina?

_______________________________________________ (1)

b) Għaliex għamel dan? ______________________

_______________________________________________ (2)

ċ) Liema perit għenu f'dan ix-xogħol? ______________________ (1)

d) Semmi biċċa bini li telgħet f'dan il perijodu. ______________________ (1)

5.2 a) F'liema belt kien hemm 'Il Convento,' il-kwartieri ġenerali ta' l-Ordni bejn l-1530 u l-1571? ______________________ (1)

b) Għaliex l-Ordni għażlet li toqgħod hemmhekk? ______________________

_______________________________________________ (2)

5.3 X'kellhom komuni l-ibliet f'Malta fi żmien il-Kavallieri?

_______________________________________________ (1)

5.4 Semmi tliet karatteristiċi ta' raħal tipiku Malti.

______________________ (1) ______________________ (1)

______________________ (1)

5.5 Fejn kienu jieħdu kenn l-Għawdxin meta t-Torok kienu jaħbtu għal Għawdex?

_______________________________________________ (1)

5.6 Għid għaliex ir-Rabat ta' Għawdex ma setax jieħu ruħ qabel is-seklu XVII?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

(15–il marka)

---

6. Ikteb fit-tul fuq **waħda** minn dawn li ġejjin:

6.1 Matul il-ħakma ta' l-Ordni, il-Belt Valletta saret bil-mod il-mod ċentru amministrattiv, kummerċjali u kulturali. Ikkummenta.

6.2 Spjega kif l-Ordni ta' San Ġwann saħħet id-difiża tal-kosta fis-seklu XVII.

6.3 Ikkumenta dwar ir-riformi li daħħlu l-Franċizi meta ġew hawn Malta.

6.4 Il-Maltin, l-Ingliżi, in-Naplitani, u l-Portugiżi lkoll b'xi mod jew ieħor taw is-sehem tagħhom fi żmien l-Imblokk. Ikkummenta.

(20 marka)

---